# IL-QAWWA TAL-ĦAJJA, SFIDA GĦALL-FAQAR



*Messaġġ għal Jum il-Ħajja 2010*

Il-Ħadd 7 ta' Frar jiġi ċċelebrat *Jum il-Ħajja*. Dan il-jum ifakkarna fid-don kbir tal-ħajja, l-ewwel don li rċevejna u dan b'mod gratwit, b'xejn, frott l-imħabba t'Alla u tal-ġenituri tagħna.

Il-Konferenza Episkopali Taljana toħroġ messaġġ għal dan il-jum. Din is-sena tkellmu dwar il-qagħda finanzjarja tad-dinja. Min iħares lejn il-ġid ekonomiku fid-dawl tal-Vanġelu jaf li dan m'hux kollox iżda jista' jservi biex il-ħajja tkun aħjar, isbaħ u għalhekk aktar umana. Bħala Nsara aħna fid-dmir li ma napprovaw qatt mekkaniżmi ekonomiċi li joħolqu l-faqar, id-diżugwaljanza soċjali, ifieru u joffendu l-ħajja, li jolqtu b'mod ġenerali dawk li huma debboli u indifiżi.

Il-ġid materjali mhux fini iżda mezz li l-valur tiegħu hu determinat mill-użu li wieħed jagħmel tiegħu. Il-ġid hu għas-servizz tal-ħajja iżda mhux il-ħajja.

Aħna msejħin biex skont il-Vanġelu ngħixu ħajja sempliċi li ma tħallatx l-għana ekonomiku mal-għana bla qies tal-ħajja. Kull ħajja hi denja li wieħed jgħixha, ukoll f'faqar estrem.

Din il-kriżi ekonomika tista' tkun għalina mument ta' grazzja meta naqsmu l-ġid tagħna ma' dawk foqra u meta nieħdu ħsieb xulxin. Hu mument meta aħna għandna nkunu aktar solidali ma' dawk l-ommijiet li din il-qagħda ekonomika tista' twassalhom sabiex jagħżlu li jtemmu t-tqala tagħhom.

Ħadd ma hu sid ta' ħajtu, u lkoll aħna msejħin biex ngħożżu ħajjitna u nieħdu ħsiebha bħala teżor l-aktar prezzjuż mill-konċepiment sal-mewt naturali.

***Mill-Kalendarju Djoċesan***

| | |
|---|---|
| *It-Tnejn 2 ta' Frar:* | Jum il-Persuni Kkonsagrati / Quddiesa għall-Persuni Ikkonsagrati (Knisja Katidrali - 6.00pm). |
| *L-Erbgħa 3 ta' Frar:* | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani / Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.00pm). |
| *Is-Sibt 6 ta' Frar:* | Preżentazzjoni ta' Trabi fis-Santwarju ta' Pinu (AK) - 4.30pm. |
| *Il-Ħadd 7 ta' Frar:* | Jum il-Ħajja / Tibda l-Ġimgħa tal-Morda. |

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', agħmel li ma nħalli xejn ifixkilni milli nkun xhud tiegħek, speċjalment fejn Int qed tiġi mwarrab.*





DJOĊESI TA' GĦAWDEX

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Saċerdotali 2009 - 2010

**Ir-4 Ħadd Matul is-Sena • Sena Ċ • L-40 Sena (2131) • 31 ta' Jannar 2010**

U beda jgħidilhom: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu." U lkoll laqgħu kliemu u stagħġbu għall-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ minn fommu u bdew jgħidu: "Dan m'huwiex bin Ġużeppi?" Iżda hu qalilhom: "Żgur li se tgħidu għalija dan il-proverbju, 'Tabib, fejjaq lilek innifsek; dak kollu li smajna li ġara f'Kafarnahum agħmlu hawn f'pajjiżek ukoll." U żied jgħidilhom: "Tassew, ngħidilkom, ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb f'pajjiżu. Għax, ngħidilkom is-sewwa, kien hemm bosta romol f'Iżrael fi żmien Elija meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu; madankollu għand ħadd minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Sarefta ta' Sidon. U kien hemm bosta lebbrużi f'Iżrael fi żmien il-profeta Eliżew, imma ħadd minnhom ma ġie mfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja." Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla; qamu, u ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer ta' rdum ta' l-għolja li fuqha kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel. Iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer. (Lq. 4, 21-30)



**RIFLESSJONI**

- It-tkeċċija ta' Ġesu' mis-Sinagoga turina l-oppożizzjoni li dejjem sabet l-Aħbar it-Tajba matul iż-żminijiet kollha.
- Fil-ħajja tiegħu Ġesu' jiltaqa' ma' diversi okkażjonijiet ta' rifjut: ġie mkeċċi minn pajjiżu stess u temm ħajtu msallab barra mill-belt.
- Minkejja t-tfixkil u l-oppożizzjoni, Ġesu' baqa' fidil għall-missjoni tiegħu u għadda jagħmel il-ġid lil kulħadd.
- Min irid jagħmel ħidma ta' profeta mhux se jkollu ħajja komda għax it-tagħlim ta' Ġesu' ma jimxix mal-kurrent taż-żmien, anzi jmur kontra.
- Għandi konvinzjoni soda biżżejjed li biha ma nibżax inkun profeta anke f'ambjent diffiċli?